**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2025**

Rikors Numru: 206/20 AL

A B

vs

C B

(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 2289/1993)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti żżewgu fit-13 ta' Dicembru 1993 (ara Dok A) u minn dan iż-żwieġ twieldu hames ulied, X li ghandu 26 sena, S li ghandu 25 sena, S li ghandha 21 sena, S B li ghandu 19-il sena u l-minuri W li ghandha 17-il sena, ahwa B;

2. Illi ż-żwieg ta' bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba adulterju, vjolenza, eċċessi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi

fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibili u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skond il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament tal-konvenut;

3. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibli tort unikament tal-konvenut;

4. Illi l-konvenut huwa persuna manipulattiva u abbusiva psikoloġikament u finanzjarjament kemm fil-konfront tal-esponenti kif ukoll tat-tfal kif se jirriżulta mill-provi; liema abbuż kien ta' dettriment qawwi għalihom;

5. Illi għaldaqstant, hija ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi f' din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Settembru 2020 (ara Dok. B);

6. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment;

Jghid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba adulterju, vjolenza, eċċessi, minaċċi, sevizzi, theddid u offiżi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tordna li l-konvenut jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;

3. Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri W B għandha tiġi fdata f'idejn l-esponenti;

4. Tawtorizza lill-esponenti tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigward saħħa, edukazzjoni, safar u ħruġ ta' passaporti tal-minuri W B, mingħajr il-kunsens tal-konvenut; u li tagħti dawk il-provedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri fl-aħjar interess tagħha;

5. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment għall-esponenti u għal S u W ahwa B, inkluż l-spejjeż kollha relatati mal-minuri li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti. Dan għandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-

minuri tiddeċidi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-hajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċji tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament, *iċ-children's allowance,* fl-intier tagħhom;

6. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, ħruġ tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm jkunu għadhom qed jistudjaw, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjeż kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;

7. Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favor l-esponenti, jekk din l-Onorabili Qorti tħoss il-ħtieġa;

8. Tordna li l-konvenut huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 *et seq*. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48. 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

9. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti. liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, mhux necessarjament b'mod ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

10. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

11. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tgħix fid-dar matrimonjali *ad* esklużjoni tal-konvenut;

12. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha "Tabone";

13. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

14. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni, numru referenzjali 1349/19 AGR:

15. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kontra l-konvenut inġunt, minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista bix-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz tagħha eccepixxa:

1. Illi kif proposti, d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi filwaqt li huwa minnu illi z-zwieg ta bejn il-kontendenti thassar irrimedjabilment, pero minhabba htijiet imputabbli biss ghal A B. Il-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibli minhabba abbandun, sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi minn A B fuq l-intimat u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment. Illi certament mhux minnu illi l-esponenti qatt kien responsabbli ta xi abbuz la psikologiku u wisq inqas finanzjarju fil-konfront tal-attrici.

2. Illi lanqas ma hemm assolutament l-ebda raguni ghaliex il-kura u kustodja ta' W B ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici minflok ma din tibqa' kongunta.

3. Illi m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-esponenti ghandu jhallas ebda forma ta' manteiment ghall-attrici nfisha stante li l-attrici hija f'sahhita, kapaci tahdem u fil-fatt tahdem, u taqla l-ghexjien taghha u waqt iz-zwieg hi kompliet bl-istudji taghha.

4. Illi l-esponenti m'ghandu ebda oggezzjoni li jhallas manteniment ghall-minuri W B ai termini tal-Ligi. Tali manteniment madanakollu ghandu jirrifletti l-htigijiet tal-imsemmija W B u l-mezzi tal-partijiet. L-esponenti jibqa' dejjem dispost illi jhallas retta alimentari ghall-minuri, b'dana illi din tkun ragonevoli meta paragonata mal-qliegh tieghu.

5. Illi l-ispejjez kollha ta' natura straordinarja konnessi mal-edukazzjoni, sahha u dawk extra-kurrikulari ta' W B ghandhom jibqghu a karigu tal-partijiet flimkien.

6. Illi m'hemm assolutament l-ebda htiega ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-attrici.

7. Illi mhux minnu illi l-esponenti huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u konsegwentement m'hemm l-ebda raguni ghaliex ghandhom japplikaw kontrih id- disposizzjonijiet tal-Art 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu z-zwieg tkisser ghall-ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

8. Illi l-esponenti jaqbel li tigi xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess partijiet u kif ukoll li din tigi likwidata u maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati bejn il-partijiet.

9. Illi m'hemm l-ebda beni dotali jew parafernali x'jigu assenjati lill-attrici.

10. Illi m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-attrici ghandha tithalla tghix fid-dar ...., ad eskluzjoni tal-esponenti, iktar u iktar ladarba din id-dar tifforma parti mill-assi tal-komunjoni u jinhtieg li din tigi likwidata sabiex ir-rikavat taghha jkun jista' jigi assenjat bejn il-partijiet.

11. Illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghat-talba sabiex l-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba.

12. Illi m'hemm l-ebda htiega sabiex jigi appuntat ebda kuratur ladarba l-ezitu ta' dawn il-proceduri m'huwiex ser jkun li jigi ordnat ebda att ta' divizjoni.

13. Illi l-proceduri kollha ta' medjazzjoni saru fuq bazi ta' minghajr pregudizzju, u konsegwentement ma tistax tintlaqa' t-talba sabiex dawn l-atti jigu allegati.

14. Illi l-ispejjez ta' din il-procedura ghandha tbaghtihom l-attrici.

15. Illi l-esponenti qieghed permezz ta' din ir-risposta jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex jintavola kontro-talba kif qed jagħmel biex huwa jissepara minn ma martu minhabba htijiet imputabbli unikament lilha.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tghha ppremetta illi:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Dicembru 1991 u minn dan iz-zwieg twieldu hames ulied, X ta 26 sena, S ta' 25 sena, S ta' 21 sena, S ta 19 -il sena u W li ghandha 17-il sena,

2. Illi l-attrici irrendiet ruhha hatja ta' abbandun, sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi fuq l-intimat u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment,

3. Illi din il-procedura kollha ta' separazzjoni hija mibnija mill-attrici fuq fabrikazzjoni ta' fatti, waqt li fil-frattemp, qed ssir influenza kbira fuqi l-ulied li qeghdin jigu indottrinati u uzati bhala pedina kontra missierhom.

4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli tort unikament ta A B;

5. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghall-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat mar-rikors guramentat bhala Dok. 'B'

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-konjugi B minhabba abbandun, sevizzi. eccessi u ingurji gravi imputabbli unikament ghar-rikorrenti A B kontra l-esponenti;

2. Tawtorizza lill-attur jghix separat minn ma' martu l-konvenuta;

3. Tiddikjara illi minhabba l-abbandun sevizzi, eccessi u ingurji gravi li kkommettiet u ragunijiet ohra fuq imsemmija, r-rikorrenti A B ddekadiet minn kull dritt li titlob xi forma ta' manteniment minghand zewgha;

4. Tiddikjara illi l-kura u l-kustodja ta' W B ghandha tigi fdata liz-zewg partijeit flimkien u d-decizjonijiet marbuta mal-benessere, l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien;

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, mhux necessarjament b'mod ugwali u dan okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

6. Tistabbilixxi d-data ta' meta l-attrici rikonvezjonata saret responabbli unikament sabiex dan iz-zwieg thassar irrimmedjabbilment.

7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli parafernali ta' C B hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-A B sabiex tirrestitwixxi lill-C B tali beni dotali u/jew parafernali tieghu, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi prefiss mill-Qorti.

8. Tapplika kontra A B interament jew in parti d-dispozzizjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili.

9. Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra rikorrenti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenjenti;

Rat ir-risposta tal-attrici rikonvenuta ghall-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha tecepixxi:

1. Illi b'referenza ghall-ewwel talba, hija taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dawn mhux ghar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonanti, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Ghalhekk, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti ghal ksur tal-ħajja miżżewġa huma infondati fil-fatt u fid-

dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjeż, u a kuntrarju huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li għandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempora ruhu mal-obbligi matrimonjali; u huwa wkoll hu hati ta' li kkometta adulterju, vjolenza, eccessi, sevizzi, minaċċji, theddid u offizi gravi fost affarijiet oħra, li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli; u dan ai termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti taqbel mat-tieni talba:

3. Tikkontesta t-tielet talba stante li huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk hija ma ddekaditx mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand żewġha;

4. Tikkontesta r-raba talba u dan stante li l-konvenut rikonvenzjonanti huwa persuna abbusiva u vjolenti u ghalhekk l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti:

5. Taqbel parzjalment mal-hames talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, stante illi l-istess kommunjoni tal-akkwisti għandha tigi terminata u likwidata iżda bla ebda mod l-esponenti m'għandha tbaghti xi nuqqassijiet jew tigi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti;

6. Tikkontesta s-sitt talba u dan stante li l-esponenti bl-ebda mod ma hija responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg;

7. Tichad is-seba talba stante illi hija m'għandha l-ebda beni u krediti parafernali tal-konvenut rikonvenzjonanti fil-pussess taghha. Fi kwalunkwe każ, ghandu jkun l-konvenut rikovnenzjonanti li jipprova l-eżistenza ta' tali beni u krediti parafernali; u jekk l-eżistenza ta' tali assi parafernali tiġi ppruvata mir-rikorrenti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodici Civili;

8. Tikkontesta it-tmien talba bl-aktar mod kategoriku stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbaghti xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet

minn sehemha debitament hekk dovut, u dan ghaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament hati ghat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi ddekada mid-drittijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili ghar-raġunijiet imsemmija;

9. Taqbel mad-disa talba.

10. Illi l-esponenti topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenuta;

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attrici tas-6 ta' Mejju, 2025 li permezz taghha qed iccedi t-talbiet kollha taghha fir-rikors guramentat salv ghall-ewwel talba ghal divorzju, u dan stante ftehim bonarju;

Rat in-nota ta' cessjoni tal-konvenut tas-6 ta' Mejju, 2025 li permezz taghha qed iccedi t-talbiet kollha tieghu fil-kontro-talba salv ghall-ewwel talba ghal divorzju, u dan stante ftehim bonarju;

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Mejju 2025 u rat illi matul din is-seduta l-avukati difensuri tal-partijiet, kif intqal, ċedew it-talbiet kollha, kemm it-talbiet prinċipali kif ukoll it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba, ħlief għall-ewwel talba;

Semgħet ukoll l-avukati difensuri tal-partijiet jitolbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom jikkonvertu l-ewwel talba li kienet talba ta' separazzjoni ghal talba ta' divorzju. Il-Qorti qegħda tilqa` din it-talba li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Għalhekk filwaqt illi din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha, kemm dawk prinċipali kif ukoll dawk rikonvenzjonali, sejra issa tiddeċiedi l-ewwel talba tal-partijiet, kemm prinċipali kif ukoll fil-kontro-talba, fejn qegħdin jitolbu l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi il-partijiet ilhom *de facto* separati ċertament sa mis-sena 2020, peress li kienu diġà għaddew minn medjazzjoni u ġiet istitwita l-kawża ;

Illi l-Qorti rat illi ma teżisti l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet illi issa wkoll iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bejniethom.

Il-Qorti, rat ukoll li permezz tal-imsemmija kuntratt ġew regolati l-aspetti kollha kontenzjuzi ta' bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tiddisponi minn din it-talba billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikors ġuramentat u l-ewwel talba rikonvenzjonali, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.